# Idea ta' progett fil-Mosta

2 messages

**Nicholas Grech** <nicho.grech@gmail.com> Mon, 9 Feb 2026 at 10:49
To: info@projectgreen.mt, robert.abela@gov.mt, mark.a.mallia@gov.mt, miriam.dalli@gov.mt

Project Green,
Prim minister Robert Abela,
OPM, Head of Secretariat, Mark Mallia
Minister for the Environment, Energy and Public Cleanliness, Miriam Dalli,

Nibda bl-apprezzament tieghi li sa fl-ahhar il-Wied li jghaddi mill-Mosta nghata attenzjoni bir-riabilitazzjoni tal-part in-naha tal-Kappella ta' San Pawl tal-Qlejgha. Xtaqt naghti xi ideat ghal parti l-ohra, dik ta' Wied il-Ghasel fejn hemm il-pont u l-Kappella ta' San Pawl l-Eremita.

1) Il-wied jigi mnaddaf mit-tant terrapien ta' gebel li ngarr bl-ilmijiet u akkumula maz-zmien.
2) Meta kien tqatta' l-Ammunition Depot, it-terrapien ta' gebel, laqx u zrar kien intrema ghall-isfel fil-wied u fosthom ghatta l-moghdija originali li kien hemm dik in-naha li kienet ilha tezisti minn zmien zemzem. Dan ukoll ghandu jitnehha, u apparti li terga tinkixef din il-moghdija, jerga jinkixef l-irdum u l-pajsagg f'din il-parti tal-wied.
3) Xi ftit minn dan it-terrapien taf jista' jintuza bhala materja prima biex jinbnew xi hitan tas-sejjiegh, jitrangaw il-moghdijiet, it-turgien li jnizluk Il-wied, u jitnehha il-konkos fejn uhud mit-turgien kienu saru snin ilu b'dan il-materjal (il-parti li tnizzlek minn Vjal il-Qalbiena Mostin).
4) L-Ammunition Depot jigi mbattal u mnaddaf minn kwalunkwe splussiv. Issa li sfortunatament il-bini resaq tant mal-Wied u lejn dan il-post, hi gennata li fosthom jinzamm fih mahzun splussiv u hi daqstant grazzja kbira kif s'issa qatt ma kien hemm incidenti. Zgur ma nridux li jigri kif kien gara fl-2020 fil-Lebanon meta spluzjoni kawza ta' nitrat li ghal zmien twill thalla abbandunat, halliet mhux biss vittmi, imma danni kbar ta' biljuni ta' dollari, fosthom ghall-hlasijiet ta' kumpens ghal minn garrab hsarat, etc. Zgur ma tridux ikollhom fuq il-kuxjenza kieku tali haga tigri meta kienet ingibditilkom l-attenzjoni fuq dan il-periklu, u anki tistghu taraw x'gara f'kazijiet simili barra minn Malta, u addirittura f'Malta stess fosthom bl-ispluzjoni tal-Polverista tal-Birgu fl-1806, etc.
5) Kemm il-fortizza tal-Mosta u kemm l-Ammunition Depot jinghataw lura lill-poplu u jigu riabilitati w integrati flimkien f'muzew b'informazzjoni fuqhom u l-epoka w il-htiega li ghalihom inbnew, forsi wkoll fdati f'idejn Din l-Art Helwa, u jsiru wkoll attrazzjoni turistika.
6) Ix-xelter nukleari li kien thaffer fl-1956 taht gnien l-gharusa tal-Mosta jigi wkoll riabilitat u jkun jifforma heritage trail flimkien maz-zewg postijiet imsemmija qabel. Ghal dan kienet diga saret applikazzjoni mis-sindku Paul Chetcuti Caruana lura fl-2010 u skont din il-link kienet anki involuta xi kumpanija imma s'issa wara 16-il sena baqa' ma sar xejn. Ta' min dan il-progett jerga' jitqajjem, ukoll b'rispett lejn l-istess sindku li kien wera interess jirriabilita dan il-post abbandunat u nzerta miet kmieni din is-sena.
7) Jitrangaw il-hitan u turgien tal-Victoria Lines li kienu jaqsmu l-wied, minn fejn kien hemm Wied Filep sal-fortizza, fosthom billi jerga jinbena dak il-pont zghir li parti minnu kien tkaxkar mal-ilmijiet fil-maltempata tal-1974, taf 'n parti tort ta' terrapien ta' gebel li kien thalla jakkumula, fosthom dak mill-imsemmi Ammunition Depot.
8) Il-pont tal-Mosta li nbena fis-snin 80, li jaqsam min-naha ta' Santa Margerita ghan-naha tal-fortizza, minn tal-gebel isir tal-hadid forsi fil-forma ta' Tied Arch Bridge (ara ritratt attached generat bl-AI), l-ghamla bhal Ta' Sant'Iermu, u ndirettament ikun jirrifletti l-koppla tal-Mosta li nahseb kienet tal-ewwel li nbniet fil-forma catenary (l-ghamla ta' katina bil-maqlub). Il-pont kif inhu bhalissa jistona mal-madwar, ghandu diversi pilastri li jitilghu minn qiegh il-wied, u dawn min-naha taghhom jistriehu fuq minn jaf kemm tunnellati w gholi ta' konkos, kollox kien jghaddi f'dawk iz-zminijiet imma mhux illum.
9) Darba dan il-konkos tal-pont jitnehha minn go qiegh il-wied, il-vojt isir forma ta' gibjun kbir ghall-hazna ta' l-ilma tax-xita.
10) Darba jsir dan il-gibjun, ikun jista' jsir bhal xmara artificjali li minn hemm tizbokka f'ghadira kbira taht il-Kappella ta' San Pawl l-Eremita, fejn hemm diga bhal dipressjoni fl-art. B'hekk fil-Mosta jkollna riserva naturali bhal tal-Ghadira u attrazzjoni ghall-ghasafar biex jibdew ipassu hawn u jghazlu dawn il-postijiet biex jaghmlu l-bejtiet taghhom. Bix-xmara u bl-ghadira, ikun ukoll attrazzjoni ghal diversi annimali ohra bhal qniefed, ballotri, sriep, zringijiet, fniek salvagg, u d-daqstant ftit annimali ohra li taf fadal li jirnexxielhom isalvaw is-Sjuf dejjem aktar qliel li qed jaghmlu. Kemm bl-ghasafar u kemm b'dawn l-annimali, forsi l-wied jerga jiehdu l-hajja, jsir park naturali, u tigi pprojbita kull forma ta' kacca fl-inhawi.
11) Il-pont tal-hadid innifsu u forsi l-inhawi, ikunu mghammra b'solar panels u xi wind turbines zghar kemm tkun tisma' tithaddem is-sistema bl-inqas impatt ambjentali u forsi anki jservu biex tithaddem sistema ta' air water generators (tiggenera l-ilma mill-arja) li jservu ta' nixxieghat u taqtir tal-ilma mal-irdumijiet tal-wied.
12) Il-wied jigi mnaddaf minn pjanti aljeni w invazivi, u riabilitat b'sigar tal-post, indigeni u herbs bhal salvja, merqtux, klin, saghjtar, etc. biex jattira n-nahal u forsi anki jigi nkorporat xi muzew tal-produzzjoni tal-ghasel, li apparti li jservu t'attrazzjoni turistika ohra, ikun bix-xieraq f'wied li appuntu ha ismu ghall-ghasel tant bnin li lura fiz-zminijiet tant kien jipproduci. Il-generazzjoni li tiela' forsi b'hekk jitghalmu japprezzaw pjanti minn ohrajn, 'n partikolari issa li sforz l-izvilupp massicc qed dejjem ikollhom anqas kuntatt man-natura.
13) Mal-pont tal-hadid ikun installat lift li jnizlek isfel fuq pjattaforma minn fejn tkun tista' tkomplu l-mixja tieghek fil-wied. Forsi jsir studju kemm tista' tkun vijabli bhal sistema ta' cable cars li mill-istess pont tiehdok sal-Kappella u lura, tara l-irdumijiet u n-natura mill-gholi.
14) Mal-istess pont tal-hadid ikunu jistghu isiru spettakli ta' hruq tan-nar u tad-dwal ikkulurit, etc., attrazzjoni ohra ghal matul il-lejl fiz-zminijiet ta' festi.

Bhalma qed jintefqu tant flus biex isiru toroq u flyovers, ma narax ghaliex daqstant ma jigix iddedikati flus biex il-prezenti pont tal-gebel jinbidel f'wiehed tal-hadid, kif kien materjal maghmul originarjament. Daqstant postijiet storici li qed jinghataw lura lill-pubbliku bhal Manoel Island, etc. ma narax ghaliex il-Mosta, li tant sofriet tort tal-izvilupp massicc, ma tgawdix min programmi simili u b'hekk tigi

kkumpensata ftit b'attrazzjonijiet turistici, meravilji man-natura, u heritage trails, ghall-prezz tant gholi ta' qerda t'ambjent u storja li kellha thallas f'dawn l-ahhar decennji.

Nicholas Grech
I.D. no. 435076M

---

**2 attachments**

**1000020130.jpg**
130 KB

**1000020141.png**
1.5 MB

---

**Nicholas Grech** <nicho.grech@gmail.com> Mon, 16 Mar 2026 at 14:43
To: chris.bonett@gov.mt, info.im@infrastructuremalta.com

Minister for Transport, Infrastructure and Public Works, Chris Bonett,
Infrastructure Malta,

Nitlob skuza ghall-email li baghttilkom 'l bierah fejn bi zball ma ndunajtx li fl-email risposta li kienu baghtuli ta' Projects Green, ma kienux ghamlu forward tal-email  originali li baghttilhom, u li Issa qed naghmilha hawn inkluza.

Li nixtieq, jekk jistghax isir xi haga dwar din il-proposta msemmija biex fosthom il-pont tal-Mosta jsir minflok tal-hadid u jkunu jistghu jitnehhew il-pilastri u konkos minn go qiegh l-istess Wied il-Ghasel, fuq liema l-pont tal-gebel prezenti hu mibni. Bi zball, fir-ritratt ggenerat bl-AI, it-triq tal-pont ghamilha taqbad mat-triq ta' fuq flok ma t'isfel Vjal Ragusa.

Nicholas Grech
I.D. no.: 435075M
[Quoted text hidden]



